MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## SILVIO MELI

Seduta tat-18 ta' Dicembru, 2013

Mandat Numru. 291/2013/1

**Ivanka Jovanovic Axisa**
**(karta ta' l-identita` numru 99509 (C))**

**vs**

**Ronald Axisa**
**(karta ta' l-identita` numru 533660 (M))**

Il-Qorti,

1.0. Rat ir-rikors guramentat promotur datat il-25 ta' Novembru, 2013, li permezz tieghu r-rikorrenti esponiet li ghandha bzonn tikkawtela d-drittijiet taghha, u dan, sintetikament ghas-segwenti ragunijiet:

1.1 Illi qed tipprocedi b'kawza ghas-separazzjoni personali minn ma' zewgha l-intimat odjern fuq indikat;

1.2 Illi biex hekk tikkawtela d-drittijiet taghha aderiet din il-qorti biex timpedixxi lill-imsemmi intimat milli jbiegh, inehhi, jitrasferixxi jew jiddisponi *inter vivos*, kemm b'titolu oneruz, kemm gratuwitu, xi ishma f'xi socjeta` kummercjali jekk dawn ikunu parti mill-komunjoni tal-akkwisti, u dan, b'mod partikolari fis-segwenti:

1.2.1. Axisa Holdings Limited: C – 45487;

1.2.2. Stiletto Limited: C – 44957;

1.2.3. Kerber Security Limited: C – 37233;

1.3 Illi l'fuq imsemmija socjetajiet ilkoll gew registrati wara z-zwieg tal-kontendenti fuq riferiti;

1.4 Illi l-kontendenti zzewgu f'Malta fl-14 t'Ottubru, 2003;

2.0 Rat id-dokumenti annessi mal-istess rikors guramentat promotur;

3.0 Rat id-digriet precedenti taghha datat il-25 ta' Novembru, 2013, li permezz tieghu:

3.1 Laqghet it-talba tar-rikorrenti provizorjament;

3.2 Appuntat l-istess rikors ghas-smiegh ghall-udjenza hemm indikata;

4.0 Rat ir-risposta tal-intimat datata s-16 ta' Dicembru, 2013, li permezz tieghu sintetikament espona s-segwenti:

4.1 Illi t-talba tar-rikorrenti saret minghajr ma gew osservati d-dispozizzjonijiet tal-artiklu 876 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

4.2 Illi l-mandat *de quo* ma jistax isir f'dan l-istadju peress li ghadha ma gietxipprezentata l-kawza quddiem il-qorti appozita;

4.3 Illi l-kontendenti ghadhom fil-fazi tal-medjazzjoni;

4.4 Illi ghalhekk, it-talbiet tar-rikorrenti m'ghandhomx jigu milqugha;

4.5 Illi *di piu`*, il-mandat *de quo* mhux mehtieg stante li l-intimat mhux bi hsiebu jeffettwa xi aljenazzjoni ta' proprjeta` kif allegat;

5. Semghet lill-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet fir-rigward;

Ikkunsidrat:

6.0 Illi din il-procedura qed issir *ai termini* tal-artiklu 873 tal-Kap 12 fuq gia` riferit stante li r-rikorrenti:

6.1 Ghandha biza' reali li d-drittijiet taghha jigu lezi;

6.2 Illi din il-lezjoni tkun irreparabbli;

Ikkunsidrat:

7. Illi qorti ghandha tirrilaxxa l-mandat kemm –il darba tkun tal-fehma li l-jeddijiet tar-rikorrenti jkun jirrizultaw li ser jithassru anke jekk dan jirrizulta *prima facie*;

8.0 Illi fil-verbal tal-abbli rapprezentant legali tal-intimat datat is-16 ta' Dicembru, 2013, jirrizulta s-segwenti:

8.1 Illi l-intimat m'ghandu l-ebda hsieb li jitrasferixxi xi ishma in dizamina;

8.2 Illi l-istess intimat mhux bi hsiebu jaghmel hekk biex izomm spirtu tajjeb fil-procedura ta' medjazzjoni;

Ikkunsidrat:

9.0 Illi *prima facie* ghandu jigi sottolineat sintetikament is-segwenti ghal dak li ghandu x'jaqsam mar-risposta tal-intimat li ssolleva li –intempestivita` tal-azzjoni odjerna;

9.1 Illi jirrizulta effettivament pacifiku bejn il-kontendenti li l-procedura fil-Qorti tal-Familja ghadha fi stadju tal-medjazzjoni;

9.2 Illi pero` hi l-fehma ta' din il-qorti li l-procedura *de quo* qieghda f'dak l-istadju semplicement ghaliex hu obbligatorju li kontendenti jibdew l-*iter* gudizzjarju hemm involut b'din il-procedura – li ghall-persuni maturi li gia` ddecidew x'jaghmlu b'hajjithom, hi biss procedura dispendjuza fiz-zmien mehud u fil-finanzi li l-esperjenza tghallimna li jigu involuti, jekk mhux ukoll umiljanti – nonostante is-*success* li l-i*statistika* tista' turi minn zmien ghal zmien;

9.3 Illi in effetti din il-fazi procedurali sollevata mill-intimat m'hi xejn hlief l-ewwel pass ghas-separazzjoni personali, u ghalhekk ghandha tittiehed li effettivament hi *parti integrali* mill-procedura tas-separazzjoni vera u proprja, u mhux separata minnha;

9.4 Illi ghaldaqstant, din il-qorti qed tirrespingi din il-parti tar-risposta tal-intimat;

Ikkunsidrat:

10. Illi rigward it-talba tar-rikorrenti, ghandu jinghad li ghalkemm gie kristallizzat li s'issa, l-intimat m'ghandu l-ebda hsieb jilledi b'xi mod id-drittijiet jew jeddijiet tal-intimata, dan ma jipprekludiehx milli jibdel fehemtu fil-futur;

11.0 Illi ghaldaqstant hi l-fehma ta' din il-qorti li *prima facie* ir-rikorrenti issodisfat il-precetti legali involuti fuq riferiti u konsegwentement:

**DECIDE:**

11.1 Tiddikjara li *prima facie* il-jeddijiet tar-rikorrenti jistghu jigu irrimedjabbilment lezi b'azzjoni tal-intimat;

11.2 Tvarja *contrario imperio* d-digriet precedenti taghha datat il-25 ta’ Novembru, 2013, u:

11.2.1. Filwaqt li tilqa’ t-talbiet tar-rikorrenti:

11.2.2. Tordna l-hrug ta’ mandat t’inibizzjoni permanenti kif mitlub mill-istess rikorrenti fuq is-socjetajiet indikati aktar qabel tal-intimat;

11.2.3. Bl-ispejjez ta’ din il-procedura kontra l-intimat Ronald Axisa.

________________________
Onor. Imhallef Silvio Meli

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------